MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 5/2004

**Jennifer Hubbers**

**vs**

**Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.**

**Il-Qorti,**

Fit-13 ta' Mejju, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fl-4 ta' Settembru 2003 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' seba' mitt Lira Maltin (Lm700) rapprezentanti pajpijiet li ma kienux tal-plastic (PVC) imma tal-hadid u ssaddu u kkawzaw hafna hsarat.

L-intimatipprezenta Risposta ghal din it-talba u attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda ta' l-intimat li huwa rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienet xtrat appartament minghand l-intimat u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li l-pajpijiet kellhom ikunu tal-*plastic* u mhux tal-hadid. Wara xi zmien dawn il-pajpijiet issaddu u meta qalghu l-kamra tal-banju ndunaw li kienu tal-hadid u mhux PVC,

2. L-Intimat issottometta li preliminarjament it-Tribunal ma ghandux gurisdizzjoni fuq din il-materja. It-Tribunal cahad din l-eccezzjoni. Ghar-rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili, it-Tribunal jichad ukoll peress li r-Rikorrenti ndunat b'dan il-fatt meta qalghet il-kamra tal-banju u ma kienetx f' posizzjoni li tinduna qabel.

3. It-Tribunal wara li sema' lill-partijiet jinnota li l-versjoni tar-Rikorrenti hija aktar kredibbli.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lill-intimat ihallas l-ammont ta' erba' mitt Lira Maltin (Lm400) bl-ispejjez kontra l-istess intimat."

Is-socjeta` konvenuta tillanja fil-konfront ta' din is-sentenza bl-aggravju illi t-Tribunal ma osservax pjenament l-obbligu li jisma' u jiddeciedi l-kwestjoni involuta skond id-dettami tal-gustizzja naturali. Hi taddebita l-ksur tal-principju ghall-fatt illi t-Tribunal naqas

milli jezamina u jevalwa l-fatt fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet kollha sollevati minnha;

Fir-risposta taghha l-attrici appellata tikkonfronta lis-socjeta` appellanti bl-irritwalita` u improponibilita` ta' l-appell;

Jokkorri, forsi, qabel ezami ta' l-aggravju interpost u tat-twegiba ghalih illi jigi sottolinejat li, una volta jkun stabbilit li t-Tribunal adit ghandu kompetenza biex jiddetermina l-vertenza, hu provvdut bl-Artikolu 21 ta' l-Att XXVIII ta' l-1994 illi dan ghandu jaqta' l-kwestjonijiet quddiemu skond kull meritu u gustizzja sostantiva tal-kaz, u skond l-ekwita`. Jinsab deciz illi "l-gustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-decizjoni tat-Tribunal tkun bazata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' revizjoni ma ghandhiex il-kompetenza biex tissindika decizjoni ta' fatt li jkun wasal ghaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tieghu, din il-Qorti ma hix eskluza mill-funzjoni li tiddeciedi jekk tali decizjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-gustizzja sostantiva u l-ekwita`. Gustizzja sostantiva li fil-verita` trid tkun bilfors konfortata b' modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll principju ta' gustizzja naturali illi l-gudikant ghandu jiddeciedi *iuxta allegata et probata* u ma jistax jiddeciedi manifestament u ovvjament kontra dak li gie quddiemu provat" – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999;

Premessa din l-introduzzjoni preliminari, hi ligi li appell lil din il-Qorti "jista' jsir biss meta t-Tribunal ikun mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali, u dik l-azzjoni tkun ippregudikat b' mod gravi l-jeddijiet ta' min jappella" [Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 378];

Dan ifisser illi jekk fl-apprezzament li taghmel din il-Qorti ta' l-atti processwali u tal-provi ma jirrizultalhiex kontravvenzjoni tal-principju tal-gustizzja naturali u li l-valutazzjoni tal-fatti li jkun ghamel it-Tribunal ma jkunux

manifestament parzjali u ngusti ma kellhiex tissindika l-operat tat-Tribunal;

Jinghad mill-ewwel a skans ta' ekwivoci illi din il-Qorti ma tistax tirravviza f' dan il-kaz il-vjolazzjoni tal-principju tad-dritt naturali kif sottomess mis-socjeta` appellanti. Pjuttost il-kontra;

Jibda biex jigi fl-ewwel lok senjalat illi l-istess socjeta` konvenuta appellanti tirrikonoxxi fir-rikors ta' l-appell taghha illi l-partijiet inghataw smigh xieraq mit-Tribunal, kif ukoll l-opportunita` shiha li jipproducu l-provi u jaghmlu s-sottomissjonijiet li xtaqu in sostenn tat-talba u tad-difiza ghaliha. Fil-verita` din l-istqarrija ma taghmel xejn hlief tirregistra l-ovvju in kwantu huwa nnegabilment car hafna illi t-Tribunal okkupa ruhu mill-eccezzjonijiet kollha dedotti mis-socjeta` appellanti u dawn, tajjeb jew hazin, gew trattati u decizi b' motivazzjoni li tista' titqies adegwata, taqbel jew ma taqbelx maghha. Minn dan il-punto di visto, allura ir-rizultanzi istruttorji ma jwasslux ghall-affermazzjoni li t-Tribunal mar kontra d-dettami tal-gustizzja naturali;

Ciononostante, is-socjeta` appellanti tissokta tinsisti illi b' mod specifiku t-Tribunal, naqas li jikkonsidra u japprezza l-fatti fl-ambitu ta' l-Artikolu 78 tal-Kapitolu 378 relattiva ghall-preskrizzjoni. Huwa evidenti hafna illi din is-sottomissjoni hi nieqsa minn kull fondament, logiku u guridiku. Dan in raguni ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:-

(1) Ibda biex is-socjeta` appellanti ma ssollevat bl-ebda eccezzjoni taghha l-estinzjoni ta' l-azzjoni bil-preskrizzjoni stabbilita fil-precitat dispost tal-ligi, u konsegwentement la ma tqajmetx ma kienx mistenni li t-Tribunal jaghti raguni ghalfejn dan id-dispost kien qed jigi skartat;

(2) La t-Tribunal, u wisq anqas din il-Qorti, ma jistghu jissupplimentaw ghan-nuqqas tal-parti jew li

jindirizzaw il-materja fil-kwadru ta' artikolu tal-ligi mhux sollevat;

(3) Gjaladarba dan hu hekk il-kaz it-Tribunal ma jistax jigi akkuzat li vvjola xi principju tad-dritt naturali. Inoltre, mhux il-kaz li din il-Qorti ta' revizjoni tikkonsidra kontestazzjoni li fl-ebda waqt tas-smigh tal-kawza ma tqajjem quddiem it-Tribunal;

L-uniku dispost li tqajjem quddiem it-Tribunal riferibilment ghall-preskrizzjoni kien dak a tenur ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili li gie kkonsidrat mit-Tribunal. Effettivament is-socjeta` konvenuta hi wkoll konxja mill-fatt illi l-eccezzjoni taghha fuq dak l-artikolu tal-ligi ma kienx applikabbli tant li issa, in sede appell, qed tissolleva b' difiza d-dekors taz-zmien ta' l-azzjoni bl-eghluq ta' hames snin in kwantu trattasi ta' danni skaturati minn rapport kontrattwali;

Issa huwa minnu li eccezzjoni tal-preskrizzjoni "tista' tinghata f' kull waqt tal-kawza, imqar fl-appell" (Artikolu 2113, Kodici Civili). Eppure, imbaghad, huwa daqstant iehor minnu illi din il-Qorti, b' ligi, ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti nteressata (Artikolu 2111, Kodici Civili); jigifieri, ma tkunx giet specifikatament indikata b' mod car u esplicitu minn min jinvokaha. Ara **Kollez. Vol. XXX P III p 478; Vol. XXXVII P II p 630**.

Dan precizat, fil-kwadru ta' l-eccezzjonijiet ventilati quddiem it-Tribunal mis-socjeta` appellanti din il-Qorti ma ssibx li fid-decizjoni jista' jigi riskontrat dak lamentat minnha dwar allegata vjolazzjoni tad-dettami tal-gustizzja naturali. "Una volta ma jirrizultax li kien hemm ksur tal-principju tal-gustizzja naturali fis-smigh tal-kawza – pregudizzju dan li min-natura tieghu kellu jkun wiehed procedurali u mhux sostanzjali – ma kienx il-kaz li din il-Qorti tiddiskuti dwar il-gravita` tal-pregudizzju ghax dan kien mill-atti eskluz". Hekk irragunat din il-Qorti, diversament presjeduta, fil-kawza fl-ismijiet "**Charles**

**Sultana *et* -vs- A. C. K. Ltd**” deciza fis-27 ta’ Ottubru 2000;

Biex verament jinghad kollox is-sentenza lanqas tidher li tiddifetta mil-lat ekwitattiv in kwantu jidher li l-arbitru identifika cirkostanzi li kienu jimmitigaw il-kwantum tad-danni minn kif originarjament pretiz mill-attrici appellata.

Ghal dawn il-motivi, l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata, bl-ispejjez anke ta’ din l-istanza jitbatew mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------